# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

JANNAR-MARZU 1946. IS-SITTAX-IL SENA Għadd 179-181.


## *IL HAJJA TAL-KITBA*


(*Editorjal tal*-PROF. G. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. [LOND.])


Non fumum ex fulgore, sed ex fumo dare lucem
Cogitat, ut speciosa dehinc miracula promat,
Antiphatcn Scyllamque et eum Cyclope Charybdin.

*Dawn huma 'l-kliem li Orazju widdeb bihom lill-kittieba kollha ta' żmienu kontra n-nefħa ta' titoli jgħajtu li xi wħud minnhom kienu jagħtu lix-xogħlijiet tagħhom. Għalhekk biex jien ma jiġrilix bħal'hom, ħa nqħid mill-ewwel li dan l-artikolu b'titolu li volum mhux kbir biżżejjed għalih, ktibtu ħafif ħafif mingħajr ma qagħadt nidħol 'il ġewwa fl-kwistjoni, u ktibtu l-aktar nett biex inwieġeb lil dawk il-boloh illi, kif jaħsbu huma, billi l-lum id-dinja saret prattika w utilitaria, l-arti letterarja, l-aktar il-poeżija, ma baqagħlhiex ħajja twila.*

*Din il fehma mgħawġa lili għamlitli impressjoni, u ħassejt li jixirqilha daqsxejn ta' tweġiba. Hadd mhu ser imċeri li llum qegħdin ingħixu f'dinja mmexxija minn prinċipji materjalisti u li l-aktar idijali qaddisa tal-bniedem jinsabu mgħaffġa u maħnuqa mill-ispirtu prattiku w utilitarju, u għalhekk il-fehma ta' dawn l-uħud ma' l-ewwel daqqa ta' għajn tidher f'waqtha. Imma naraw jekk hux tassew li mħabba f'hekk l-arti ma baqagħlhiex ħajja twila.*

*Biex ħaġa tinqered irid ikollha l-egħruq tagħha maħruġin minn drawwa, loqħob jew kapriċċ ta' mument bħalma huma x-xejriet tal-moda illi jitwieldu u jmutu f'qasir żmien. Imma jekk l-egħruq tagħha joħorġu mill-istess natura, din ma tistax tinqered il-għaliex tkun qisha l-ħajta ta' xogqa li ma tistax tiġi nieqsa u lanqas titbiddel għal kollox. Issa biex tgħaddi l-fehma ta' dawn in-nies, wieħed ikollu qabel jipprova illi l-iżvilupp ta' l-arti mhux ġej minn proċess naturali imma minn konvenzjoni, moda jew xi sengħa li għadhom ġejjin minn żmien qabel ma laħaq xtered it-*

*tagħlim utilitarju ta' Bacon inkella l-industrijaliżmu tal-Amerika. Iżda dan ma jistax ikun pruvat, il-għaliex ħadd ma jista' jiċħad li l-arti mhux biss hi xogħol ta' ħidma naturali tal-bniedem, imma dokument l-iktar ċar tal-ħajja tiegħu ġewwenija, tas-sentimenti tiegħu l-iktar moħbija, u għalhekk ta' dak il-kobor ta' ruħ li jagħżlu mid-dinja tal-bhejjem.*

*Min irid jipprova li l-iżvilupp ta' l-arti hu konvenzjonali jkun qisu jrid jipprova li l-bżonn li l-bniedem iberraħ dak li qed iħoss ġewwa, u jikxef, biex ingħid hekk, il-għera tar-ruħ tiegħu, mhux bżonn naturali, imma poża studjata jew affettazzjoni. Fi kliem ieħor, ikun qisu jrid jipprova li x-xogħol kbir ta' Dante, wieħed mill-ikbar monumenti tal-bniedem, hu ħaġa falza, illi Francis Thompson, li ruħu tirriegħed bħal ċerv ferut fil-poeżija* "The Hound of Heaven" *hu impostur li jħobb il-poża; jew inkella l-poeżijiet ħelwin ta' Victor Hugo, ġabra ta' lirika mimlija bi ħlewwa ta' swied il-qalb, li d-*"De Profundis" *ta' Oscar Wilde, u* "Faust" *dak ix-xogħol qawwi ta' Goethe u opri oħra tal-letteratura huma kitbiet ma jiswew xejn għax maħluqin mix-xejn u, mela, neqsin mis-sinċerità. Għalhekk ikollok ta' bilfors tgħid li l-arti letterarja ħarġet mill-bżonn qawwi li l-bniedem iħoss li jfisser ruħu, minn bżonn li hu ħaġa waħda man-natura tiegħu.*

*Issa baqagħlna naraw jekk l-arti letterarja, għalkemm hija maħruġa minn bżonn naturali, tistax tkun maħnuqa mill-ispirtu materjalista ta' żminijietna, żminijiet bla fidi u bla idijali.*

*Billi l-idijali għoddhom spiċċaw mid-dinja, mhux ħaġa kbira li l-ispirtu tal-bniedem ġralu bħall-ibjar fis-sajf ta' sena xotta, jiġifieri nixef, u lanqas li l-arti letterarja tilfet il-ħeġġa u l-ħajja ħarqiena ta' żminijiet oħrajn. Din in-nixfa ta' idijali taħti li llum aħna, l-aktar għal dak li għandu x'jaqsam mal-poeżija, qisna qegħdin nerġgħu nqħixu fis-seklu sittax fi żmien ta' frugħa u ħsejjes li m'għandux mertu ieħor ħlief li ħalaq ħafna* "iżmi", *żmien ta' nies imħabbtin bihom infushom, żmien ta' idijat boloh u ta' oriġinalità żbaljata.*

*Rajna li l-ħajja tal-lum minnha nfisha ma tqawwilniex qalbna naħsbu li l-arti letterarja sa tgħaddi 'l quddiem. Imma b'daqshekk xi ħadd għandu raġun jaħseb li ż-żejt tal-ħajja tagħha wasal biex jinħela għal kollox? Dan ma jistax ikun, għax għalkemm ma niċħadx it-theddida kerha ta' dawn iż-żminijiet tagħna tal-biża', aħna b'daqshekk ma nistgħux ingħidu li dil-kriżi sa twassal il-letteratura, l-aktar il-poeżija, għall-mewt tagħha darba għal dej-*

*jem; u dan għaliex dil-kriżi bħala fenomenu storiku trid tgħaddi bħal fenomeni oħrajn qablu. Biż-żmien għad terġa' tiġi rijazzjoni. Għad jiġi żmien meta l-ispirtu tal-bniedem iħossu jistħi mill-waqgħa tiegħu u għalhekk ikun irid jerġa' jiġġedded, jissaffa u jeħla. Minn dejjem kien hekk. L-istorja hi, bejn wieħed u ieħor, il-ktieb ta' azzjonijiet u ta' rijazzjonijiet, ta' ġirja lejn naħa u oħra bil-maqlub tagħha. Sew it-tajjeb kemm il-ħażin joħolqu rijazzjoni, għax il-bniedem ma jsib mistrieħ imkien u ma jafx jieqaf la fit-tajjeb u lanqas f l-ħażin. U mħabba f'hekk naraw li żminijiet ta' ġid u għaqal iġibu warajhom żminijiet ta' bluha jew ta' barbariżmu, u bil-maqlub. Għalhekk billi l-ebda stat ta' ħajja ma jibqa' wieqaf għal dejjem, bis-saħħa tal-liġi tar-rijazzjoni, biż-żmien dan is-seklu ta' kriżi għad irid iġib warajh żminijiet aħjar mixgħulin minn dawl aktar sbejjaħ.*

*L-istorja hi l-imgħallma tal-ħajja u dan li qed ingħid mhux ħlief tagħlim meħud mill-paġni tagħha. L-arti letterarja għalhekk, l-arti tal-viżjonijiet, illum jew għada għad terġa' tieħu saħħitha biex tibqa' ssaħħaħ it-tradizzjoni tal-*Genju *illi, fil-pajjiżi kollha ċivilizzati, tella' monumenti li ż-żmien qalil ma jistax għalihom.*

*Wieħed minn dawn l-uħud kien ħabib tiegħi li ħalla lilu nnfsu jimpressjona ruħu minn artiklu f'rivista Amerikana, fejn min kitbu qal li l-arti llum ma fadlilhiex ħajja iżjed. Imma fuq hekk jiena wkoll niftakar li qrajt artiklu ieħor f'rivista Amerikana* "Current History" *fejn il-kittieb għajjur għall-isem ta' Artu żagħżugħa, wera li l-Amerikani għandhom illum ukoll il-poeti tagħhom illi jfesdqu għanjethom mingħajr qatt ma jegħjew fost il-ħsejjes waħxin ta' din il-ħajja mgħaġġla. Dawn ma humiex kittieba kbar, imma kittieba li għandhom l-importanza tagħhom fl-istorja tal-pajjiż :* "The story of American Poetry in the 20th Century". *jgħid il-kittieb ta' l-artikolu,* "is only one important section in the story of contemporary American history, is the completest chronicle of thought, culture, life of our times; it is a beautiful, vital heartening chapter in a record much of which is not lovely as many of the poets have felt and sadly sung. They have done much to interpret and redeem the evil and glory the good." *U dawn il-poeti jinsabu fil-kontinent tal-ħsejjes, l-aqwa kolonna ta' Mammona!*

*L-arti letterarja minnha nfisha ma tistax tingħażel mill-ispirtu tal-bniedem għal kollox. Kienu x'kienu s-setgħat koroh tal-mater-*

*jaliżmu, l-aktar li tista' ġġarrab huma daqqiet ta' ħarta u tfixkil ieħor li jeħodha lura, imma tgħib jew tinqered ma tistax. Hekk ukoll ir-ruħ tal-bniedem tista' titħassar bil-ħażen imma le tgħib u tinqered. Għall-poeżija, ukoll fi żminijiet ta' l-eqqel ħsara, żminijiet l-aktar battala, meta siktu l-poeti l-kbar, laħqu minn flokhom, imxerrdin 'l hawn u 'l hemm, il-poeti żgħar li baqgħu sejrin bix-xogħol tagħhom għalkemm fiċ-ċokon. Għax meta ma tibqax tisma' t-tgargir ta' l-użinjoli, inti tibda tisma' flokhom ittpespis tal-għasafar ħelwa tal-bejt, sa ma l-użinjoli jerġgħu lura f'rebbiegħa ta' dawl ġdid. Fi ftit kliem irrid ingħid illi meta fiddinja jonqsu l-poeti l-kbar, il-poeti żgħar mingħajr anqas ma jintebħu huma stess, ikomplulna huma t-tradizzjoni tal-*Ġenju *letterarju* : Vitai Lampada Tradunt.

*Minbarra dan li għidna, il-poeżija jew aħjar l-arti letterarja timxi u tgħix f'rabta waħda mal-missioni tar-reliġjon Nisranija. U tabilħaqq, il-Kristjaneżmu u l-Arti Letterarja t-tnejn iħarsu lejn il-*Ġmiel *u lejn is-*Sewwa, *u għalhekk hemm bejniethom għaqda u rabta ta' ħsieb u spirtu wieħed. U billi l-Kristjaneżmu fl-imgħoddi ta ħafna xogħlijiet letterarji kbar, mirja ta' ħajjet il-bnedmin, hekk ukoll, billi l-idijali tiegħu huma idijali taż-żminijiet kollha, jibqa' fi żmien jew ieħor inebbaħ xogħlijiet kbar ta' l-arti letterarja. Fuq dan wieħed imissu jaqra* "Le Genie du Christianisme" *ta' Chateaubriand li b'daqqiet ta' pinzell ta' mgħallem li jaf jagħżel u jħallat il-kuluri, u li b'intwizzjoni ta' artista kolt ħafna, studja l-ispirtu ħaj tal-Kristjaneżmu kull fejn, issa f'xogħol u issa f'ieħor, nebbaħ il-ħidma artistika tal-bniedem. Sbieħ u jingħoġbu huma l-paraguni li għamel bejn l-ispirtu tal-Kristjaneżmu bħala element ta' ġmiel artistiku u l-ispirtu tal-klassiċiżmu pagan.*

*Għalhekk, l-arti letterarja tibqa' sakemm jibqa' l-Kristjaneżmu, tifsira ta' dak kollu li hu sabiħ u sewwa. U dan għaliex? Inwieġeb billi nagħmel tiegħi l-kliem tal-Kardinal Newman: "Il-virtujiet li huma l-aktar Insara huma l-aktar poetiċi — l-umiltà, il-ħlewwa, il-mogħdrija, il-kuntentezza u l-modestja—biex ma nsemmix il-virtujiet tad-devozzjoni; waqt li minn naħa l-oħra missentimenti l-aktar ordinarji u l-aktar goffi toħroġ ir-rettorika—il-qilla, l-għadab, l-ispirtu materjali u l-imħabba għall-indipendenza." Fi kliem ieħor, l-istess kultura tagħna Nisranija tibqa' tlaħħaq il-poeżija u l-għola idijali tal-bniedem li dejjem jixxennaq il-ġmiel bħalma l-qaddis jixxennaq 'l Alla. Għalhekk, l-arti jaqbilha tarġa' ddur għall-virtujiet insara ħalli tibda tagħraf aħjar*

*il-problemi tal-ħajja u tgħożż iżjed il-valuri tagħha bi ħsieb akbar u mingħajr dak il-ġenn ta' disperazzjoni pessimista, ġenn ta' ċiniżmu, ta' insubordinazzjoni, sa ma neħilsu darba għal dejjem minn dawn il-pożi tan-nies morda ta' żminijietna.*

*Ma nafx jekk wasaltx biex inwaqqa' l-fehma mgħawġa ta' dawk li jaħsbu li l-arti letterarja qiegħda tnin biex tmut għal dejjem. Imma rrid naħseb li l-qarrej jaħseb bħali li l-arti letterarja tista' biss taqa', titlef mill-ġmiel u mis-siwi tagħha quddiem il-ħajja tal-lum, imma mhux imħabba hekk tgħib u tingered għal dejjem. Wara din il-kriżi ta' dan l-ispirtu li l-letteratura tad-dinja kollha għaddejja minnha, illum jew għada, bis-saħħa tal-liġi tar-rijazzjoni, għad ifeġġ żmien aktar għani, għammieli fil-ħidmiet tar-ruħ, aktar ħelu fil-lehmiet tal-poeżija u nadif fil-fehmiet tal-moħħ wil-ġibdiet tal-qalb.*